MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Numru. 1427/2007

Il-Pulizija
(Sp Nezren Grixti)
vs
Leonard Attard, iben Joseph, imwieled Ħal-Għaxaq fl-14 ta’ ġunju, 1952

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fis-7 ta’ settembru, 2007 għal habta tal-11.00 a.m. ġewwa Go (Maltacom), Spencer, Hill, Marsa –
1. ikkaġuna ġrieħi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Raymond Vassallo ta’ 50 sena mir-Rabat, skond ma ċċertifika Dr. N. Aquilina M.D.;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, ħebb għall-istess persuna msemmija sabiex jinġurja, idejjaqa jew jagħmel xi ħsara;

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'għajjat u ġlied.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Raymond Vassallo sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reati hawn fuq addebitati, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata kif jidrilha xieraq il-Qorti skond l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' ġunju, 2008 fejn il-parte ċivile ħafret lill-imputat.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' ġunju, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, minħabba l-maħfra tal-parte ċivile tiddikjara l-proċediment eżawrit dwar it-tieni akkuża. Issibu ħati tal-ewwel u tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 216(1) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum. Fiċ-ċirkostanżi, mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------